# San Ġorġ ta' Ħal Qormi u l-Iżvilupp Storiku tal-Festa Parrokkjali Maltija

*Kitba ta' Dr Joseph F. Grima*

Daż-żmien nirreferu ħafna għall-istaġun tal-festi li, bejn wieħed u ieħor, ikopri l-perjodu ta' bejn Mejju u Settembru. Jekk inħallu barra l-festa ta' San Pawl fil-Belt (fi Frar), San Ġużepp tar-Rabat (f'Marzu, u din mhix festa titulari parrokkjali), u l-Kunċizzjoni ta' Bormla (f'Diċembru), insibu li l-festi ta' l-ibliet u l-irħula Maltin u Għawdxin isiru kollha f'dan iż-żmien, kultant b'xi nofs tużżana minnhom ċelebrati fl-istess Ħadd jew jum. Dan l-istaġun jiftaħ bil-festa ta' San Publiju fil-Furjana ftit wara l-Għid il-Kbir - normalment f'April jew kmieni f'Mejju - u jagħlaq bil-festi tal-Vitorja u, warajhom, b'tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar u San Anard f'Ħal Kirkop. L-akbar konċentrazzjoni hi f'Lulju u f'Awissu.

**ŻVILUPP**

Fl-imgħoddi, iċ-ċelebrazzjoni kienet issir fil-jum tal-festa liturġika tal-qaddis u mhux bħal fi żmienna. Biex nagħtu tliet eżempji nsibu li San Ġorġ kienu jiċċelebrawh fit-23 ta' April jew l-eqreb Ħadd jekk din id-data kienet tinzerta fl-Ottava ta' l-Għid il-Kbir, San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ fit-12 ta' Mejju u San Nikola tas-Siġġiewi fis-6 ta' Diċembru. Il-bidla tad-dati seħħet l-aktar tul dawn l-aħħar ħamsin sena minħabba li t-temp fis-Sajf hu aktar prevedibbli u hemm ħafna anqas biża li l-maltemp iħassar ix-xogħol u l-preparazzjonijiet ta' sena sħiħa. Iżda tajjeb niftakru wkoll li l-festa Maltija - bil-baned, sparar, logħob tan-nar ta' l-art, tiżjin, dwal u funzjonijiet - mhux minn dejjem kienet elaborata bħal ta' żmienna. Fil-fatt, il-festi tagħna ħadu l-bixra preżenti tagħhom fis-seklu dsatax bħala riżultat tat-twaħħid ta' diversi elementi li llum neħduhom *for granted*, qishom eżistew minn dejjem.

Jekk immorru lura fiż-żmien madwar 400 sena, u ħafna aktar ukoll, insibu li l-festa kellha karattru rustiku fejn kien hemm l-element ewlieni tat-tqassim tal-ħobż u l-għoti tal-karita lill-foqra li kienu jattendu l-funzjonijiet reliġjużi. Iżda ta' min jinnota li, ukoll tant snin ilu, diġa kienu feġġew xi piki bejn fratellanzi involuti fil-festi.

Sakemm wasal is-seklu tmintax, kienet daħlet xi forma ta' mixegħla

f'jum il-festa, permezz ta' ħġejjeġ u lampi taż-żejt, flimkien ma' l-isparar ta' maskli żgħar, li minnhom hemm xi eżemplari fil-mużew tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Dan l-isparar fil-fatt kien diġà jeżisti fis-seklu sbatax. Żvilupp ieħor kien il-kiri ta' bnadar biex iżejnu z-zuntier u biex idendluhom mill-bejt tal-knisja. Kienet tindaqq ukoll il-mużika, permezz ta' gruppi żgħar ta' mużiċisti bil-fifri u t-tnabar. f'Ħal Qormi, sal-1740 il-festa kienu jiċċelebrawha fil-knisja biss: żewġ għosrien bil-kant, quddiesa solenni bil-mużika u paniġierku.

## VARI TITULARI

Sakemm wasal is-seklu sbatax id-drawwa li jerfgħu vari fil-purċissjonijiet kienet bdiet tinxtered. Vari tal-Ġimgħa l-Kbira kienu ilhom jeżistu għal bosta snin u, sa dan iż-żmien li qed insemmu, kien hawn numru ta' parroċċi, fosthom dik ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi, li kellhom statwa waħda tal-Madonna li kienu jużawha għall-purċissjonijiet differenti taħt it-titoli sbieħ li ngħatat tul iż-żminijiet.

Forsi l-eqdem statwa ta' l-injam tal-Madonna hi dik li tqiegħdet fuq l-artal tal-Kunċizzjoni ta' l-Isla fl-1627 u li ntużat għall-purċissjoni tal-Madonna tal-Vitorja bejn l-1680 u l-1685, dejjem fl-Isla. Dejjem b'referenza għall-vari titulari parrokkjali, matul il-mitt sena li ġew wara, insibu dawk ta' San Pawl tal-Belt (1690), il-Kunċizzjoni ta' Bormla u San Lawrenz tal-Birgu (it-tnejn lejn il-bidu tas-seklu 18), San Nikola fis-Siġġiewi (qabel l-1735, iżda l-vara preżenti saret fl-1736), San Ġorġ f'Ħal Qormi (1741), San Pawl tar-Rabat (c. 1774) u Sant' Andrija f'Ħal Luqa (1779) fost oħrajn. Is-seklu dsatax ra żjieda kbira ħafna fin-numru ta' vari titulari u din id-drawwa daħlet fil-parroċċi kollha. Fost ta' l-ewwel insibu ta' Santa Katarina fiż-Żurrieq (1818), il-Lunzjata f'Ħal Tarxien (1829) u Santa Liena f'Birkirkara (1837). F'Għawdex, l-ewwel vara titulari kienet dik ta' San Ġorġ fir-Rabat (1841).

## ĊELEBRAZZJONIJIET UFFIĊJALI

Rajna li, sa tmiem is-seklu tmintax, il-festa Maltija kienet għadha pjuttost primittiva. Iżda l-Kavallieri ta' San Ġwann, li allura kienu l-ħakkiema tal-gżejjer Maltin, kienu jorganizzaw festi elaborati biex jiċċelebraw diversi avvenimenti bħalma kienu l-ħatra ta' Gran Mastru ġdid; l-għażla ta' papa ġdid; il-festa tal-patrun tagħhom San Ġwann il-Battista jew xi ċelebrazzjonijiet ċentinarji. Dawn kollha kienu jinkludu t-tiżjin pubbliku (inkluż kultant xi ark trijonfali), mixegħliet u logħob tan-nar.

Hekk naraw li kienu jeżistu, ħdejn xulxin, iċ-ċelebrazzjonijiet sempliċi



tal-Maltin u l-festivita elaborata tal-ħakkiema. Wara s-sena 1800, taħt il-ħakma Brittanika, dawn iż-żewġ modi ta' ċelebrazzjoni twaħħdu. Dan x'aktarx seħħ riżultat ta' status soċjali aħjar u sens akbar ta' sigurta . Meta mbagħad, tul is-seklu dsatax, f'Malta kien hawn il-preżenza ta' numru ta' refuġjati Taljani fi żmien il-ġlieda għall-għaqda ta' l-Italja, daħlu żewġ fatturi oħrajn li llum huma parti integrali mill-festi Maltin: il-formazzjoni tal-każini tal-baned u logħob tan-nar elaborat. F'dawn l-istess żminijiet, naraw ukoll ċelebrazzjonijiet liturġiċi aktar elaborati li inkludew mużika sagra miktuba għall-okkażjoni partikolari minn kompożituri magħrufin Maltin, li fosthom insibu l-Qormi Patri Ġużeppi Spiteri Fremond li nirreferu għalih aktar 'il quddiem. Spinta kbira ħa t-tiżjin tat-toroq bil-pilandri, statwi ta' anġli u qaddisin u palkijiet għall-baned. Dan l-iżvilupp kollu - baned, nar, tiżjin u mużika - insibuh ukoll f'Ħal Qormi u issa nqisuh fil-qosor.

**ŻVILUPPI QORMIN FIS-SEKLU 19**

Nibdew bil-baned. F'Ħal Qormi kellna l-fundazzjoni ta' żewġ każini tal-banda. Fl-1862 twaqqfet il-Banda Pinto li baqgħet tieħu sehem regolari sas-sena qabel l-1936 meta f'Ħal Qormi saret it-tieni parroċċa, dik ta' San Sebastjan, u dan il-każin sab ruħu f'din il-parroċċa l-ġdida. Fl-1893, twaqqaf il-Kazin tal-Banda San Ġorġ Martri li ilu tul dan iż-żmien jagħti sehmu fil-festa. Id-daqq tal-baned tul dan is-seklu żdied ħafna u, biex nagħtu eżempju wieħed, insibu li fl-1891 żdied marċ f'nofs inhar u ħadu sehem tmien baned mistiedna.

Rigward il-logħob tan-nar, dan tant kien żdied minn żmien l-isparar tal-maskli, li fl-1891 sar logħob tan-nar ta' l-art (li komunement insejħulu ġiġġifogu mit-Taljan giuoco di fuoco) f'sitt postijiet differenti tal-parroċċa.

Fejn tidħol il-mużika sagra,nagħtu ħarsa lejn x'beda jseħħ fil-knisja parrokkjali. Inbniet il-gallarija ta' l-orgni għall-orkestra u nġieb orgni kbir mill-Italja li għadu jeżisti sal-lum. Minn dan is-seklu tibda tgħodd ukoll is-serje ta' Maestri di Cappella li nafu bihom, bl-ewwel wieħed ikun il-Qormi Patri Ġużeppi Spiteri Fremond li mexxa bejn l-1837 u l-1872. Warajh kellna l-mużika tal-Cappella Bugeja li damet sal-1921 bit-tmexxija mill-bakketta ta' Filippo (1872-77) u ta' Riccardo (1877-1921). Fl-1873, Filippo kkompona l-antifona Fundatus biex tindaqq biss fil-festa ta' San Ġorġ.

F'dak li kellu x'jaqsam mat-tiżjin tat-toroq, insibu li fl-1846 kienu diġà jeżistu xi trofej u fl-1868 iżżanżan l-ewwel palk ta' l-orkestra fil-Pjazza ta' San Franġisk. L-aħħar għoxrin sena tas-seklu dsatax raw spinta kbira fi-żjieda ta' statwi fit-toroq, bosta drabi min idejn l-aħjar statwarji Maltin. Fosthom kien hemm il-gruppi tal-Martirju ta' San Ġorġ u San Ġorġ quddiem l-Imperatur li żguri nħadmu almenu fuq abbozzi ta' Karlu Darmanin li, min-naħa tiegħu, sawwar l-istatwa tal-Gran Mastru Pinto għall-Palk Prinċipali li żanżnuh fl-1884 u sar fuq disinn li l-Perit Luigi Vella kien ħażżeż tliet snin qabel, jiġifieri fl-1881. Fl-1890 saret il-kuruna ta' Triq il-Kbira u fl-1884 l-istatwi tal-genituri ta' San Ġorġ minn Vincenzo Cremona. Lanqas ma' nistgħu nħallu barra numru ta' anġli, xogħol tal-Qormi Karmnu Mallia, il-Lhudi.

Fil-fatt, kien f'dan iż-żmien li l-armar ta' barra tassew ittieħed bis-serjeta, x'aktarx għax kellhom fi ħsiebhom iċ-ċentinarju ta' l-1903, is-sittax-il mitt sena mill-martirju ta' San Ġorġ. Ta' min isemmi wkoll li kienu jarmaw sett ta' armi ta' l-injam impittrin b'xeni mill-ħajja ta' San Ġorġ, armar li m'għadux jintrama fit-toroq iżda li hu ppreservat fil-mużew tal-knisja parrokkjali.

Iżda, minkejja dawn iż-żjidiet kollha li semmejna għall-festi ta' barra, l-aċċent tal-festa kien baqa konċentrat fuq il-funzjonijiet reliġjużi fejn, minbarra ż-żjieda ta' mużika sabiħa u kultant oriġinali, fl-1879 żdiedet fost talb ieħor il-kurunella miktuba minn Monsinjur Ludovik Mifsud Tommasi li għadha tinqara sal-lum fil-jiem tat-Tridu. Lanqas ma' nħallu barra l-modifiki li saru fil-vara titulari ta' San Ġorġ fl-1895 meta l-istatwa ingħatat il-bixra li nafu llum.

## IKOMPLU L-IŻVILUPPI - FIS-SEKLU GĦOXRIN

Fil-mitt sena li għadhom kemm għaddew, l-iżvilupp kompla għalkemm mhux dejjem bl-ispirtu reliġjuż mixtieq. Fl-1903 saru festi ċentinarji

bejn it-12 u t-23 ta' April li nkludew funzjonijiet kbar fil-knisja bil-parteċipazzjoni ta' erba isqfijiet u tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt. Fit-toroq, minbarra l-purċissjoni, kien hemm mixegħla, mużika miż-żewġ baned Qormin u tnejn barranin, logħob tan-nar f'ħames bnadi u ttellgħu 2000 murtal.

Żvilupp importanti ħafna kien it-twaqqif tal-Kumitat Festi Esterni nhar l-Imnarja ta' l-1919 bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Vincenz Azzopardi. L-iskop tiegħu kien li jkabbar il-festi ta' barra u jgħaqqad fi ħdanu l-attivitajiet li jsiru u wkoll biex ikun hemm organizzazzjoni aħjar.

Fl-armar żdiedu 28 anġlu, ta' Karmnu Mallia, fi Triq il-Kbira, trofej u pedestalli. Għall-ħabta ta' l-1900 inħadem palk għall-Misraħ San Franġisk li fuqu tqiegħdet l-istatwa kbira ta' San Ġorġ fuq Iż-Żiemel (kif nafuh aħna l-Qriema), xogħol ta' Vincenzo Cremona fl-1906. Il-palk issewwes u spiċċa iżda minfloku sar pedestall ġdid għall-istatwa fl-1936. Illum din l-istatwa nbidlet ma' oħra tal-Qormi Silvio Pace iżda l-antika baqgħet ippreservata.

Il-mixegħliet tat-toroq żviluppaw bi tliet tipi ta' dawl. Kienu jeżistu l-arki tal-ħadid u l-brazzi ta' l-anġli, li kienu jixgeħluhom biż-żejt ġo tazzi mlewna. Imbagħad posthom ħaditu l-aċitelena. Wara introduċew id-dawl elettriku kif inhuma llum. Inżid biss li d-dawl elettriku daħal f'Ħal Qormi l-ewwel darba f'Diċembru ta' l-1924.

Għan-nar ta' l-art u l-murtali kienu jġibu esperti Sqallin fosthom is-sinjuri Samperi, Caffarelli u Famoso iżda d-dilettanti Qriema bdew jitgħallmu minnhom u maż-żmien bdew jipproduċu x-xogħol huma, anzi kienu fost l-ewwel Maltin li daħlu għal dan ix-xogħol perikoluż. Fl-1932, in-nar inħadem mill-aħwa (minn Messina fi Sqallija) Ignazio u Giacomo Potenzone li taw wirja ta' logħob tan-nar ta' l-art li spiċċawh b'xi ħaġa li kienet ġdida f'Malta dak iż-żmien: kaxxa infernali tal-kulur. Mela l-ewwel kaxxa infernali tal-kulur f'Malta ttellgħet appuntu f'Ħal Qormi fejn ukoll nibet l-isem ta' kaxxa Spanjola fl-1936 għax it-tfaqqiegħ tal-murtali tagħha, billi din mhix tal-kulur, fakkret lid-dilettanti Qormin fil-gwerra ċivili Spanjola li kienet għaddejja bi ħruxija kbira f'dawk is-snin. Iżda n-nar ġab ukoll miegħu korrimenti u diżgrazzji bħalma kienet il-mewt traġika ta' Kelinu Zammit fis-27 ta' April 1924, lejlet il-festa.

F'dawn l-aħħar ħamsin sena, li jien niftakarhom personalment, il-festi liturġiċi baqgħu sostanzjalment l-istess ħlief għal xi tibdil kosmetiku bħal, ngħidu aħna, l-introduzzjoni tal-Malti flok il-Latin, għalkemm mhux għal kollox. Iżda mhux l-istess nistgħu ngħidu għall-festi ta' barra li llum

huma mifruxin fuq ġimgħa sħiħa fil-waqt li dari niftakarhom konċentrati fuq l-aħħar tlett ijiem tal-ġimgħa, inkluża l-mixegħla ġenerali tat-toroq. Anke l-marċ, jew aħjar il-marċi għax issa għandna żewġ baned lokali bit-twaqqif tal-Banda Anici fl-1988, tal-Ħadd fil-għodu ma' kienx jeżisti qabel l-1946 li nzertat l-istess sena li fiha żanżnu l-innu popolari, Fjur ta' Martri, li miegħu llum għandna wkoll l-innu marċ Ġorġi Tagħna li ndaqq l-ewwel darba fl-1983. Wara l-Gwerra tal-1939-45, kienu jistiednu bosta baned barranin: 11 fl-1946; 10 fl-1947; 7 fl-1956; u 8 fl-1957. Dan in-numru mbagħad beda jitnaqqas u llum ikun hawn tliet baned mistiedna nhar il-festa.

L-armar tat-toroq kompla żdied fil-kwantità u fil-kwalità. Dan jgħodd ukoll għad-drapp, jiġifieri bnadar, bandalori u pavaljuni. Ta' min ifaħħar il-Kumitat Festi Esterni għar-restawr li jagħmel fl-armar l-antik għax dak mhux biss hu sabiħ u frott għaqal missirijietna, iżda hu wkoll wirt Qormi li tkun ħasra jekk jintilef. Insemmu lil Dun Pawl Genovese li qatta tletin sena jirrestawra u jirħama l-armar l-antik, fosthom il-palk prinċipali. Miegħu nfaħħru wkoll dawk il-ħafna nies li komplew fuq il-passi tiegħu u għadhom jaħdmu sal-lum bla heda tul is-sena kollha.

Ġieli nqala xi aċċident bħal meta, fl-1949, waqgħet l-istatwa ta' San Ġorġ fuq Iż-Żiemel u l-istatwarju Qormi Xandru Mallia (iben Karmnu, il-Lhudi) ħadem erbat ijiem sħaħ biex isewwiha għall-festa ħames ġranet wara. Fortunatament, weġġgħu ħafif tnejn min-nies biss.

In-nar baqa jinħadem mid-dilettanti Qriema iżda diżgrazzji hawnhekk





kellna wkoll. Il-kamra tan-nar taret fl-1956, fl-1958 u fl-1982 fejn b'kollox mietu sitt dilettanti. Magħhom inżidu diżgrazzja f'kamra privata fl-1970 fejn mietu żewġt irġiel oħra. L-Għaqda tan-Nar 23 ta' April, li hi awtonoma u indipendenti minn kull għaqda jew każin ieħor, tieħu ħsieb tikkoordina dak li għandu x jaqsam man-nar tal-festa.

Wara l-gwerra, il-festa ta' San Ġorġ bdiet issir f'Mejju u mhux aktar f'April, u mbagħad f'Ġunju mill-1977 il quddiem. Issa ilha ssir żmien mhux ħażin fl-aħħar Ħadd ta' Ġunju, almenu jekk ma' jinqalax xi każ eċċezzjonali li minħabba fih isir trasferiment tad-data.

**ĊELEBRAZZJONIJIET SPEĊJALI**

Illum sirna aktar konxji mill-anniversarji li ċ-ċelebrazzjonijiet speċjali tagħhom saru aktar spissi u fihom ikun hemm xi ħaġa mhux tas-soltu. Hekk naraw li fl-1953 ġie ċelebrat it-33 ċinkwantinarju mill-mewt ta' San Ġorg. Barra l-festi kbar li niftakar li saru, ħadu sehem żewġ isqfijiet u diversi prelati oħrajn, inklużi barranin, flimkien ma' l-organizzazzjoni ta' akkademja mużiko-letterarja.

L-1981 kien il-250 anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali u ċ-ċelebrazzjonijiet inkludew akkademja li fiha Monsinjur Vincenz Borg żvela għall-ewwel darba min kien l-iskultur tal-vara ta' San Ġorġ: il-Qormi Pietro Felici.

Fl-1984 ġew ċelebrati l-400 sena mill-bini tal-knisja, it-300 sena mill-bini tal-koppla, u l-1700 sena mit-twelid ta' San Ġorġ. Ħadu sehem diversi prelati inkluż il-Kardinal Luigi Ciappi u l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Kien ġie stampat ukoll ktieb kommemorattiv b'diversi studji akkademiċi u nġiebet għal ftit ħin ir-relikwa insinji tal-qorriegħa ta' San Ġorġ li hi meqjuma fil-Bażilika tal-Velabro f'Ruma.

Fl-1991 kellna l-250 anniversarju minn mindu missirijietna żanżnu l-vara titulari. Il-festi kienu fuq ġimagħtejn, inkiteb l-oratorio San Ġorġ f'Demmna (kliem ta' Dun Pawl Genovese u mużika ta' Dun Ġwann Galea), u ħarġet ukoll pubblikazzjoni dwar il-vara.

Fl-1994, il-Kumitat Festi Esterni fakkar il-75 anniversarju tiegħu u fl-2003, jiġifieri erba' snin ilu biss, kellna l-festi ċentinarji li żgur li l-Qormin jiftakruhom sew u allura m hemmx għalfejn noqogħdu nsemmu x'sar. Biss inħarġu żewġ pubblikazzjonijiet: (i)dwar il-Ġimgħa l-Kbira u (ii) l-istorja tal-Parroċċa ta' San Ġorg.

**GĦELUQ**

Rajna flimkien kemm iċ-celebrazzjonijiet tal-festi Qormin komplew

jiżviluppaw b'konċentrazzjoni partikolari fuq il-festi ta' barra u dan mhux ħlief rifless ta' x'qiegħed jiġri fil-bqija tal-gżejjer Maltin. Sfortunatament, għal ħafna nies il-festi ta' barra saru aktar importanti mill-proprja festa reliġjuża li, meta nqisu kollox, suppost li hi l-qofol tal-festa. b'ħarsa ġenerali lejn il-bqija ta' Malta nsibu li t-twaqqif ta' diversi każini tal-baned, li x'uħud minnhom għandhom ukoll il-kamra tan-nar tagħhom, daħħal rivalita akbar li donnha ġġiegħel lill-partitarji jaħdmu bla heda biex il-festa tagħhom tisboq dik tar-rivali tagħhom li jew ikunu minn xi raħal ieħor jew ta' partit ieħor fl-istess lokalita . Sa ċertu punt, rivalità kontrollabbli tgħin biex tkompli sseddaq il-ħajja tagħha l-festa Maltija li, fil-kumpless tagħha, tiddependi fuq xogħol u donazzjonijiet volontarji. Iżda min-naħa l-oħra, qed jidher - u dan ilu xi ftit ukoll - l-ikrah tar-rivalita jew pika sfrenata li ma' tagħraf ebda raġuni iżda hi sempliċement partiġjaniżmu għami li, jekk ma' noqogħdux attenti biex irrażżnuh, se jirvina dak kollu li hu spiritwali, sabiħ u aċċettabbli fil-festi Maltin u Għawdxin.

***Rtitratti:* 1.** *Uħud mill-maskli li keinu jintużaw biex jisparaw fil-festa, illum preservati fil-Mużew Parrokkjali (Ritratt: J.F. Grima)* **2.** *Uħud mill-armi ta' l-injam impittrin b'xeni mill-ħajja ta' San Ġorġ li kienu jintramaw fit-triq tal-purċissjoni, illum preservati fil-Mużew Parrokkjali. (Ritratt: J.F. Grma)*


PHEE SEAU

Look & Feel Good with Champion Nutrition Products

*We'll help you loose those extra kilos in just a few weeks*

**Special Offers:**

10% discount on all slimming products & gym products

FREE personalized diets

10% discount on all women & men's accessories

Lm3 off on Nail Extensions

**Phee Seau, Victory Street, Qormi - Mob: 9984 2027**